**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 20 ta' Lulju, 2019**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Sarah Zerafa)**

**vs**

**Alhaj Sharif**

**Kanaan Nedal**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta'

**Alhaj Sharif** ta' 21 sena, bin Ahmad Alhaj u Foss Alhaj bin-numru ta' certifikat ta' Asylum Seeker (Refcom) 23586/18; u

**Kanaan Nedal** detentur tal-karta ta' l-identita numru 176758A.

Akkuzati talli nhar it-23 ta' Gunju 2019 ghall-habta ta' 03:45hrs minn Qasam Industrijali ta' Hal Luqa:-

1. Ikkommettew serq ta' rimijiet u/jew oggetti relatati mal-karozza bi numru ta' registrazzjoni DCA395 ta' marka BMW u/jew oggetti ohra, liema serq huwa aggravat bi xorta tal-haga misruqa u bil-valur, liema ammont ma jeccedix elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) u dan ghad-detriment ta' Neville Mario Gafa u/jew persuni ohra.

Kif ukoll akkuzati li fl-istess, post, data, hin u cirkostanzi:

2. Ikkommettew serq ta' oggetti relatati mal-karozza bin-numru ta' registrazzjoni KAT109 ta' marka BMW u/jew oggetti ohra, liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur, liema ammont ma jeccedix elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) u dan ghad-detriment ta' Loreta Kollar u/jew persuni ohra;

Kif ukoll akkuzati li fl-istess, post, data, hin u cirkostanzi:

3. Volontarjament hassru jew ghamlu hsara jew gharqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli , liema ammont tal-hsara ma jiskorrix elfejn u hames mitt euro (2,500), izda huwa izjed minn mitejn u hamsin euro (250).

Il-Qorti giet mitluba titratta lil **Kanaan Nedal** li kiser il-provvediment li inghata lilu fis-sentenza datata 6 ta’ Settembru 2018 mill- Magistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo LLD.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tipprovdi ghas-sigurta ta’ l-persuni msemmija hawn fuq garanzija taht Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta u kif ukoll tohrog ordni ta’ protezzjoni sabiex tiprovdi ghas-sigurta tal-persuni offizi jew individwi ohra skond artikolu 412(C) tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet finalment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-imputati ghall-hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 20 ta’ Lulju, 2019 (esebit a fol. 25 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputati kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-20 ta' Lulju, 2019 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatja, din il-Qorti wissiethom b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u tathom zmien xieraq sabiex jekk iridu jergghu lura minnha u kien biss wara li staqsiethom it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputati, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom kif minnhom ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputati ammettew fi stadju bikri tal-proceduri, il-fatt li kkoperaw fil-kors tal-investigazzjonijiet kif ukoll il-fatt li r-res furtiva giet ritornata lura lill-vittmi.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 261, 267, 271, 280 u 325 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet kollha

migjuba fil-konfronti taghhom kif minnhom ammessi u tikkundannahom sentejn (2) prigunerija kull wiehed li b' applikazzjoni tal-Art 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perjodu ta' erba' (4) snin millum.

**Magistrat**

**Graziella Abela**

**Deputat Registratur**